MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 343/2009

**A B f' isimha u in rapprezentanza ta' uliedha minuri C D B u E F G B**
**vs**
**H I B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: illi l-partijiet izzewgu fl-24 ta' Gunju 2002 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal C D u E F G, li twieldu rispettivament fit-23 ta' JDar 2004 u fit-13 ta' JDar 2006, u ghalhekk ghadhom minorenni; li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m' ghadhiex aktar possibbli ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment; li l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni sabiex tressaq dawn il-proceduri; ghalhekk qed titolb li din il-Qorti [1] tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment bi htija tal-konvenut, u li l-attrici tigi awtorizzata tghix separatament

minn mal-konvenut; [2] tafda l-kura u kustodja tat-tfal minuri lill-attrici, bl-access favur il-missier; [3] tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici manteniment ghaliha u ghaz-zewgt itfal minuri; [4] tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost tal-artikolu 48 et seq. tal-imsemmi kapitolu; [5] ixxolji l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, tillikwidaha u tassenjaha lill-partijiet; [6] tordna li l-konvenut jivvaka d-dar matrimonjali; [7] tordna lill-konvenut jassenja lill-attrici l-beni parafernali taghha; [8] tawtorizza r-registrazzjoni ta' din is-sentenza fir-Registu Pubbliku, skont il-ligi;

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma prezentax risposta guramentata; izda giet prezentata kopja ta' ftehim datat 19 ta' Gunju 2009 li l-partijiet kienu ffirmaw l-Ingilterra dwar il-kura u kustodja tat-tfal, l-access tal-missier u dwar l-aspett finanzjarju tal-kaz;

Rat it-talba tal-attrici sabiex mas-separazzjoni din tirriverti ghal kunjom xbubitha, 'Azzopardi'

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-attrici qed titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija tal-konvenut fit-termini tal-artikolu 40 tal-imsemmi kap; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni**

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fl-24 ta' Gunju 2002, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt it tfal kif fuq indikat. Huma kienu jghixu l-Ingilterra.

Jirrizulta nkontestat li l-konvenut kien jiggestixxi negozju that l-isem 'King Fisher Removals', filwaqt li l-attrici kienet tiehu parti attiva fil-gestjoni tan-negozju. Illi meta twieled l-ewwel wild il-partijiet bdew jesperjenzjaw problemi

finanzjarji li waslu ghall-inkwiet matrimonjali bejn il-partijiet. Fis-sena 2004 l-attrici skopriet li zewgha kellu relazzjoni ma' mara ohra. Huwa ammetta din ir-relazzjoni u ta bhala raguni ghal dan l-adulterju li martu ma kinitx taqdih f' dan is-sens. Rizultat ta' dan il-hajja konjugali bejn il-partijiet spiccat. Inoltre, il-konvenut, wara incident li kellu, beda jevita li jmur jahdem, u, skont l-attrici kien beda jitghazzen id-dar. Taht dawn ic-cirkostanzi l-partijiet ftehmu li l-attrici tinzel Malta bit-tfal u tghix Malta.

Skont il-ftehim fuq indikat tas-19 ta' Gunju 2009, il-partijiet ftehmu li l-attrici tigi fdata bil-kura u kustodja taz-zewg minuri, bl-access liberu favur il-konvenut, u li l-attrici u t-tfal kellhom jirrisjedu Malta. Il-ftehim jghid ukoll li "A and I also agree that all assets, business, gain, finances and property will remain solely in my possession to act with as I wish. We agree that I will help financially towards my children the amount will reflect on my earnings."

Illi mill-provi mhux kontraddetti jirrizulta li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, u l-hajja konjugali ta' bejniethom ma kinitx aktar possibbli, rizultat tal-komportament abuziv tal-konvenut fil-konfront ta' martu, partikolarment meta dan dahal f' relazzjoni adulteruza, u meta eventwalment beda jitraskura x-xoghol tieghu, bir-rizultat li l-piz finanzjarju kollu tat-trobbija tat-tfal u tal-ghejxien taghhom waqghu fuq l-attrici.

Dan il-komportament jikkostsitwixxi sevizzi u ingurja gravi fil-konfront ta' martu fit-termini tal-artikou 40 fuq indikat, u ghalhekk il-konvenut hu hati unikament ghas-separazzjoni. Din il-Qorti tosserva li l-adulterju ma kienx wiehed mir-ragunijiet tat-talba tal-attrici, u ghalhekk il-Qorti ma tistax tippronunzja ruhha fil-rigward. Izda, minkejja dan, il-Qorti hija tal-fehma l-komportament tal-konvenut fiz-zwieg huwa tali li ghandu jattira fil-konfront tieghu s-sanzzjonijiet kontemplat fl-artikolu 48 [1] tal-imsemmi Kap.

Ghaldaqstant l-ewwel talba tal-attrici hija gustifikata.

**<u>Kura u Kustodja</u>**

Illi rigward il-kura u kustodja tat-tfal, il-Qorti hija tal-fehma li dak li ftehmu l-partijiet huwa fl-interess tal-minuri; u ghalhekk, tordna li l-attrici tigi fdata bil-kura u kustodja tal-minuri, bil-fakolta' li din tghix Malta bit-tfal, filwaqt li l-konvenut, li jghix l-Ingilterra, ikollu access liberu ghat-tfal meta jigi Malta. Fil-kaz tal-mewt tal-attrici, meta t-tfal ikunu ghadhom minuri, ghalkemm il-ftehim bejn il-partijiet jkopri din l-eventwalita', il-Qorti ser tirrizerva li tippronunzja ruhha fir-rigward jekk din is-sitwazzjoni tavvera ruhha, f' liema kaz il-Qorti tiddiecidi f' dak iz-zmien, skont ic-cirksotanzi, u skont l-interess suprem tal-minuri.

Ghaldaqstant it-tieni talba attrici qed tigi milqugha f' dan is-sens.

**<u>Manteniment</u>**

Illi rigward il-manteniment dovut lill-attrici, ghaliha u ghal minuri, il-Qorti tosserva li skont l-imsemmi ftehim il-konvenut accetta, kif wara kollox huwa obbligat li jaghmel, li jikkontribwixxi ghat-trobbija tat-tfal. Ma ssemma xejn dwar il-manteniment ghall-attrici, u ma ngabux provi fir-rigward. Jirrizulta biss li, skont dikjarazzjoni ffirmata mill-konvenut, esebita mill-attrici fix-xhieda taghha, dan ikkwantifika l-ammont dovut bhala manteniment ghat-tfal fis-somma ta' €1,200 fis-sena.

Fic-cirkostanzi, u tenut ukoll tal-fatt li l-bzonnijiet tat-tfal jikbru maghhom, u tenut ukoll li l-piz tat-trobbija materjali, tirrisjedi unikament fuq l-attrici, il-Qorti *rebus sic stantibus* tiffisa l-manteniment dovut lill-attrici ghat-tfal minuri fl-ammont ta' mija u sittax-il ewro [€116] fix-xahar <u>ghal kull minuri</u>, u tordna li l-konvenut ihallas dan l-ammont fil-bidu ta' kull xahar billi jibghat cekk lill-attrici fir-residenza taghha, jew jiddepozitah f' wiehed mill-banek lokali f' kont indikat minnha. Dan il-manteniment, li jinkludi l-kontribut tal-missier ghall-ispejjez edukattivi u spejjez ordinarji medici, jieqaf hekk kif il-minuri jghalaq 18-il sena, jew qabel jekk ikun qed jahdem f' impieg regolari b' introjtu adegwat ghal ghejxien tieghu.

Rigward it-talba ghall-manteniment tal-attrici, il-Qorti tosserva li ma ngabux provi, salv li l-attrici tghid li,

ghalkemm f’ xi zmien kienet tahdem ma’ kumpanija lokali, illum mhijiex f’ pozizzjoni li tahdem minnhabba t-tfal. In propozitu, il-Qorti tosserva li ssibha difficli tikkunsidra bhala veritiera t-tezi ta’ l-attirici, li tghix ma’ ommha, ma tistax tahdem minhabba li ghandha t-trobbija tat-tfal, tenut kont li ghandha l-appogg ta’ ommha, kif ukoll it-tfal illum ghandhom certu eta’ li taghtihom grad ta’ indipendenza. Fil-fatt it-tifla l-kbira llum ghandha 9 snin, filwaqt li t-tifel ghandu 7 snin. Dawn it-tnejn imorru l-iskola.

Ghalhekk, fin-nuqqas ta’ provi li juri li l-attrici ma tistax tahdem minhabba ragunijet medici, u filwaqt li din il-Qorti tirrikonoxxi li l-possibilitajiet taghha sabiex issib xoghol full-time huma ristretti, kif ukoll ikkunsidrat l-introjtu baxx ta’ zewgha, u ukoll l-eta’ zghira tal-attrici li ghad ghandha 34 sena, il-Qorti thoss li *rebus sic stantibus* mhux il-kaz li jigi komputat manteniment ghaliha minghand zewgha, izda din il-Qorti tafferma li, tenut kont li l-parti hatja tas-separazzjoni huwa l-konvenut, l-attrici jkollha dritt li tezigi manteniment minghandu ghaliha kemm il-darba din tisfa’ bla mezzi adegwata ghal ghejxien taghha ghar-ragunijiet li ma jkunux fil-kontroll taghha.

**<u>Komunjoni tal-Akkwisti</u>**

Skont l-attrici, il-komunjoni tal-akkwisti ma tikkomprendi xejn, u inoltre, tenut kont dak li ftehmu l-partijiet fis-19 ta’ Gunju 2009, l-assi kollha li huma fil-pussess tal-konvenut ser jinzammu fil-pussess tieghu.

Rigward id-dar matrimonjali, l-attrici tghid li din hi parafernali tal-konvenut, izda li parti sostanzjali tal-loan thallset matul iz-zwieg, u ghalhekk din il-parti tikkostitwixxi debitu tal-komunjoni fil-konfront tal-attrici. Mill-banda l-ohra din il-Qorti tosserva li f’ dan ir-rigward ma hemm ebda prova dwar x’ pagamenti saru matul iz-zwieg, ghalhekk il-Qorti mhijiex fil-pozizzjoni li tillikwida l-ammont dovut lill-attrici bhala kreditu taghha minn dan id-dejn tal-komunjoni, u ghalhekk ser tirrizerva dan id-dritt tal-attrici li tirreklama l-ammont dovut lilha f’gudizzju separat.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-konvenut;
[2] tilqa' it-tieni talba fit-termini, u kif fuq stabbilit u ordnat minn din il-Qorti fis-sezzjoni ntestata 'Kura  u Kustodja';
[3] tilqa' it-tielet talba limitatament u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezjoni ntestata 'Manteniment';
[4] tilqa' r-raba' talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost tal-artikolu 48 fl-intier tieghu;
[5] tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, u tiddisponi mill-assi kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni tal-Akkwisti';
[6] tichad is-sitt talba, in vista ta' dak miftiehem bejn il-partijiet;
[7] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba' talba stante li ma ngabux provi fir-rigward;
[8] tilqa' t-tmien talba;

Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha, cioe' Azzopardi'.

L-ispejjez kollha tal-proceduri jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------